**27 ta' Novembru, 1990**

**Imħallfin: -**

**Onor. Prof. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R. Hist. S., - President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can. (Rome), LL.D.**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Ir-Repubblika ta' Malta

*versus*

Edwin Cioffi

**Ammissibilità u Rilevanza ta' Provi - Prova dwar il-Karattru ta' l-Akkużat - Prova dwar il-Karattru u Kondotta tal-Vittma - *"Facts in Issue"***

*Il-kunċett ta' ammissibilità ma għandux jiġi konfuż ma' dak ta' rilevanza. L-ammissibilità ta' prova propjament tirreferi għal "le condizioni richieste dalla legge per essere ricevuto in giudizio" jew għal "le condizioni giuridiche del mezzo di prova in se stesso". Veru li xi drabi l-kwistjoni ta' rilevanza tippreżenta ruħha marbuta ma' dik ta' ammissibilità, iżda meta si tratta ta' mera kwistjoni ta' rilevanza "ut sic", din hija tradizzjonalment imħollija għall-apprezzament ta' l-Imħallef fil-kompetenza tiegħu.*

*L-akkużat jista' jġib prova dwar il-karattru tajjeb tiegħu u meta jiġri dan dawn il-provi għandhom ikunu limitati għar-reputazzjoni ġenerali u mhux għal atti speċifiċi jew opinjoni ta' xhieda, u salv li l-prosekuzzjoni jkollha d-dritt li tipproduċi provi li juru l-kuntrarju, għax allura l-karattru tajjeb ta' l-akkużat isir "a point in issue".*

*Kwantu jirrigwarda l-prova tal-karattru u kondotta tal-vittma, ma jistax jingħad b'mod assolut li tali prova hija dejjem u f'kull każ inammissibbli għax il-karattru jew il-kondotta tal-vittma jista' jkun a "point in issue".*

*Kwantu jirrigwarda l-kondotta u l-karattru tal-mejjet, huma ammissibbli dawk ix-xhieda li jafu "di scienza propria" fuq il-karattru u l-kondotta tiegħu, ċjoè r-reputazzjoni ġenerali tiegħu, indipendentement però mill-prova ta' inċidenti partikolari li jistgħu ma jkollhom x'jaqsmu xejn ma' dak li jkun "in issue". M'għandhomx jiġu permessi provi intiżi biex jiġu ppruvati bihom inċidenti partikolari tal-mejjet li fihom ma kien bl-ebda mod involut l-akkużat personalment u li ma jkollhomx x'jaqsmu ma' xi wieħed mill-"facts in issue". Però tali kwistjoni mhix waħda ta' ammissibilità.*

Il-Qorti: – Ikkunsidrat:

Dan hu appell minn sentenza preliminari rigwardanti ammissibilità ta' provi mogħtija mill-Onorabbli Qorti Kriminali f'din il-kawża fis-17 ta' Ottubru, 1990;

*Omissis;*

Permezz tar-rikors ta' l-appell tiegħu, l-akkużat qed jitlob li din il-Qorti "jogħġobha tirrevoka d-deċiżjoni appellata billi tilqa' u tiddikjara ammissibbli u produċibbli l-istess xhieda biex dawn ikunu jistgħu jinġiebu in difiża tiegħu skond il-liġi";

Rat l-atti kollha rilevanti;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

1. Fl-ewwel lok, billi min-natura ta' l-appelli li qed isiru minn sentenzi preliminari tal-Qorti Kriminali hu evidenti li qed issir konfużjoni bejn il-kunċett ta' ammissibilità u dak ta' rilevanza ta' prova hu opportun li jiġu ribaditi l-prinċipji li għandhom jirregolaw il-materja u li mid-dehra, għalkemm ġa stabbiliti fil-passat minn din il-Qorti, sfaw injorati fil-maġġjor parti tal-każijiet. Dawn il-prinċipji huma s-segwenti:

a) In ġenerali ngħad illi l-kunċett ta' ammissibilità riferibbilment għall-mezz ta' prova għall-finijiet ta' l-artikolu 438 tal-Kodiċi Kriminali proprjament jitqies bħala riferibbli għal *"le condizioni richieste dalla legge per essere ricevuto in giudizio"* (Koll. Vol. XIX. IV. 9) jew għal *"le condizioni giuridiche del mezzo di prova in se stesso"* (Koll. Vol. XXVII.IV.595), bħala distint mis-sempliċi rilevanza *"ut sic"*. Din id-distinjzoni ġiet spjegata mill-Qorti Kriminali kolleġġjalment komposta fis-sentenza tagħha ta' l-4 ta' Jannar, 1929 in **re Sua Maestà il Re – *vs* Avv. Dr. C. Mifsud Bonnici e Calcedonio Busuttil** fejn kien ingħad:

*"Occorre, per ragion di principio, distinguere, in riguardo ad un mezzo di prova offerta dall'accusa o dalla difesa, nel contrasto sull'ammissibilità o meno dello stesso, se la quistione si riferisca alle condizioni giuridiche del mezzo di prova in se stesso, ovvero invece alle condizioni di ragione del mezzo di prova per poter questo essere considerato importante rispetto a qualunque degli elementi del fatto giuridico in controversia. Nel primo caso la quistione è veramente una di ammissibilità del mezzo di prova...nel secondo caso la quistione è propriamente quella di rilevanza della prova..."*;

b) Din il-Qorti fis-sentenza tagħha tat-30 ta' Mejju 1977 in re **Ir-Repubblika ta' Malta *vs* Cecil Pace u Henry Albert Pace** a propożitu ta' din id-distinzjoni osservat:

"Kif ingħad ukoll minn din il-Qorti f'**Repubblika *vs* Joseph Gauci,** *supra,* din tidher distinzjoni tradizzjonali fis-sistema probatorju tagħna u f'dan id-dawl forsi jista' jkun ukoll xi ftit sinjifikanti li l-kelma "*relevancy*" hi kontrapposta għall-"*admissibility*" anke fl-artikolu 610(4) tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili. Fil-fatt fid-deċiżjonijiet pubblikati d-distinzjoni tirriżulta essenzjalment marbuta mad-diviżjoni tal-kompetenza bejn il-Qorti Kriminali kolleġġjalment komposta (kif kienet sal-1967 għall-finijiet ta' l-eċċezzjoni dwar l-ammissibilità tal-provi) u l-Imħallef tal-mertu; illum il-posizzjoni hi li l-Imħallef tal-mertu jiddeċidi hu ukoll din l-eċċezzjoni salv l-appell lil din il-Qorti iżda *per altro* jidher li l-posizzjoni baqgħet sostanzjalment l-istess. L-istess Qorti żiedet tgħid: "...proprjament il-kwistjoni issa tirrisolvi ruħha f'waħda ta' appellabilità o meno. Infatti fis-sentenzi anterjuri li għalihom ġa saret riferenza kien intqal li kwistjoni simili hi ta' kompetenza tal-Qorti tal-mertu (Koll.Vol.XXVII.IV.597) u li "*la decisione sulla rilevanza o meno appartiene esclusivamente a tale Corte*" billi l-Qorti Kolleġġjali "*è chiamata a decidere soltanto della ammissibilità o meno* (fis-sens proprju ġa fuq imsemmi) *di prove, ma non della loro rilevanza*" (Koll.Vol. XXI.IV.15, a paġ.16)";

ċ) Fl-istess sentenza din il-Qorti kienet żiedet illi:

"Tassew li xi drabi jista' jagħti l-każ li l-kwistjoni ta' rilevanza tmur aktar 'il bogħod u tippreżenta ruħha marbuta ma' dik ta' l-ammissibilità fis-sens proprju hawn fuq imsemmi

in kwantu li per eżempju tinċidi fuq prinċipji oħra, bħallikieku fil-każ ta' xhieda tendenti li jippruvaw *il-kummissjoni da parti* ta' l-akkużat ta' atti kriminali (jew komunkwe: "*wrongful*") differenti minn dawk koperti mill-att ta' l-akkuża (ara sentenzi *ta' din il-Qorti* **Reġina *vs* Paul Azzopardi,** *supra,* u **Repubblika *vs* Carmel Mangion *et,*** 11 ta' Diċembru, 1975)" iżda spjegat illi meta però si tratta ta' kwistjoni ta' mera rilevanza "*ut sic*", din hija tradizzjonalment imħollija għall-apprezzament ta' l-Imħallef tal-mertu fil-kompetenza tiegħu;

d) Hija skorretta ukoll is-sottomissjoni li l-Avukat Ġenerali reġa' tenna f'dan l-appell u ċjoè illi l-fatt illi qabel ma jwieġeb għall-mistoqsija tal-provi dikjarati mill-akkużat jista' jitlob li dan jiddikjara l-oġġett tal-prova u vice versa huwa intiż sabiex il-Qorti, skond jekk tkunx jew le soddisfatta mir-rilevanza tal-prova rikjesta mix-xhieda dikjarati, tkun tista' tiddeċidi liema minn dawn ix-xhieda huma ammissibbli u liema mhumiex. Din il-Qorti fis-sentenza tagħha ċitata in re Pace, *supra,* spjegat kif din is-sottomissjoni, "**għalkemm inġenjuża, mhijiex korretta**" u li l-fatt li d-domanda dwar l-oġġett tal-prova issir fl-istadju li ssir ma jbiddilx dak li ġa ngħad dwar id-differenza bejn il-kunċett ta' ammissibilità u dak ta' rilevanza u li kwistjoni ta' mera rilevanza ta' provi hija ta' kompetenza tal-Qorti tal-mertu salv li, f'każ partikolari in vista ta' dak li fuq ingħad, din il-Qorti tara, nonostanti t-termini użati, jekk il-kwistjoni kinitx verament waħda ta' mera rilevanza fis-sens li ngħad jew inkella le. Il-konsegwenza legali tkun li jekk si tratta ta' deċiżjoni merament fuq rilevanza ma hemmx appell mentri jekk si tratta ta' deċiżjoni fuq ammissibilità ta' prova din tkun appellabbli quddiem din il-Qorti;

e) Kif ġie diversi drabi deċiż, anki fis-sentenza appena ċitata, id-deċiżjoni dwar ir-rilevanza l-Qorti Kriminali ma teħodhiex u m'għandhiex teħodha in forza ta' l-artikolu 438 tal-Kodiċi Kriminali iżda bis-saħħa ta' l-artikolu 520(2) ta' l-istess Kodiċi li jimponi fuq il-Qorti d-dover li *'inter alia'* ma tħallix li jsir fil-provi dak li **"ma jkunx rilevanti jew ma jkollox x'jaqsam max-xorta tal-kawża"**;

f) Jiġifieri qed jiġi ribadit li fl-istadju preliminari, dak li l-Qorti Kriminali għandha tiddeċidi fit-termini ta' l-artikolu 438 tal-Kodiċi Kriminali hija l-ammissibilità ta' prova bħala kontrapposta għar-rilevanza ta' l-istess prova, b'dan li indipendentement mill-fatt li sussegwentement l-istess prova tista' tiġi regolata jew addirittura eskluża bħala irrilevanti fl-istadju tas-smigħ tal-provi, l-istess m'għandhiex tiġi preventivament u aprioristikament eskluża jekk tista' tirriżulta rilevanti għall-*"facts in issue"*. Dana, din il-Qorti ħasset il-bżonn li tirribadih peress, li kif ingħad, spiss qed jiġri flok ma l-kunċett ta' ammissibilità u ta' rilevanza jinżammu distinti dak tar-rilevanza qed jiġi ekwiparat għal dak ta' ammissibilità u provi qed jiġu esklużi bħala irrilevanti qabel ma biss ikunu nstemgħu u qabel ma l-istess Qorti ta' mertu tkun verament fil-posizzjoni li tivvaluta sewwa x'ikunu il-*"facts in issue"*. Dan hu eżattament dak li ġara fis-sentenza appellata billi l-ewwel Onorabbli Qorti ħalltet flimkien iż-żewġ kunċetti indiskriminatament b'mod li ddeċidiet l-ammissibilità fuq kriterji legali żbaljati;

2. Meta l-ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza appellata qalet "illi x-xhieda jridu jkunu rilevanti għall-fatti li bihom l-akkużat huwa akkużat u mhux għall-karattru ta' l-akkużat jew tal-vittma tiegħu" kienet qed tgħid spropożitu legali u dan għal

dawn ir-raġunijiet:

a) Kwantu jirrigwarda l-fakoltà ta' l-akkużat li jġib provi dwar il-karattru tajjeb tiegħu mhux talli din il-fakoltà qatt ma ġie dubitata anzi l-istess Kodiċi Kriminali jikkontempla din l-eventwalità fil-proviso ta' l-artikolu 489. F'dan ir-rigward din il-Qorti tirreferi għas-sentenzi in re **Repubblika vs L. Bartolo** tat-2 ta' Novembru, 1981 u **Repubblika vs Alfred Zammit** tal-21 ta' Frar, 1922 fejn difensjonali jew wieħed mill-mezzi difensjonali tiegħu l-linja ta' provi dwar ir-reputazzjoni tiegħu u meta jiġri dan dawn il-provi għandhom ikunu limitati għar-reputazzjoni ġenerali u mhux għal atti speċifiċi jew opinjoni ta' xhieda u salvi li l-Prosekuzzjoni jkollha d-dritt li tipproduċi provi li juru l-kuntrarju għax allura l-karattru tajjeb ta' l-akkużat isir *"a point in issue"*;

b) Kwantu jirrigwarda l-prova tal-karattru u kondotta tal-vittma ċertament ma jistax jingħad b'mod assolut li tali prova hija dejjem u f'kull każ inammissibbli għax kif ser jiġi spjegat il-karattru jew il-kondotta tal-vittma jista' jkun *"a point in issue"*. Dan il-punt diġa nqala' f'okkażjonijiet preċedenti (vide per eż. Rev *vs* M. Peckham tas-16 ta' Frar, 1950; Reġina *vs* Alfred Xuereb tas-17 ta' Ġunju, 1963, u Repubblika *vs* L. Bartolo tat-2 ta' Novembru, 1981) u dak li qalet din il-Qorti kien illi in kwantu din il-prova tista' tkun rilevanti għal *"facts in issue"* hija ammissibbli salv dejjem id-dover tal-Qorti tal-meritu li ma tħallix isiru domandi li hija tikkonsidra rrilevanti fl-istadju tal-provi kif ser jiġi spjegat aktar 'il quddiem;

Din il-Qorti in re Bartolo, *supra,* wara li kienet iċċitat minn Cross *"On Evidence"* u ċjoè illi: *"There is no rule against the*

*reception of relevant evidence prejudicial to the character of the deceased when his death, its cause, or the state of mind of the person who brought it about is in issue''* kienet qalet hekk:

''Minn dan kollu li ġie premess, għalhekk, jitnissel illi fl-ipotesi li l-akkużat jakkampa l-leġittima difiża bħala mezz difensjonali (dak li, kif diġa rilevat, ma jistax jiġi aprijoristikament eskluż) il-provi tad-difiża dwar il-karattru tal-mejjet għandhom jiġu ammessi. Għandu jiġi osservat, però, illi l-kelma ''karattru'' hawnhekk għandha tiftiehem fis-sens ta' u tiġi limitata għar-reputazzjoni ġenerali tal-mejjet, u mhux għall-imġiba tiegħu f'xi okkażjonijiet partikolari. Jingħad f' ''*Outline of the Law of Evidence''* (Cross & Wilkins, 4th Ed., 1975), infatti illi ''*in the law of evidence 'character' usually means reputation* u għalhekk f'dan ir-rigward xhieda dwar ''karattru'' għandha tkun limitata għal dak **li jaf** ix-xhud dwar ir-reputazzjoni ġenerali tal-mejjet; xhieda bħal din hija ammissibbli għaliex il-karattru tal-mejjet, fis-sens spjegat u kif magħruf mill-akkużat... ma jistax ma jkollux ''*bearing''* fuq il-kwistjoni ''*whether defendant reasonably apprehended danger to his life or great bodily harm''* meta sab ruħu f'ċerti determinati ċirkostanzi'';

ċ) Biex ma ttawwalx din il-Qorti tispjega biss li b' ''*facts in issue''* m'għandux jiftiehem biss dak li jiġi allegat mill-Prosekuzzjoni jew ''is-sentenza ta' l-akkuża'' kif qalet l-ewwel Onorabbli Qorti, iżda anki dak li tallega d-difiża u għalhekk ma jistax jiġi aprioristikament eskluż dak li possibilment jista' jkun rilevanti għal dawn il-fatti salv, kif ingħad, il-kwistjoni tar-rilevanza fl-istadju opportun u li hi riservata għall-Qorti tal-meritu. Però, minħabba dak li ssottometta l-Avukat Ġenerali tara l-bżonn iżżid dak li diġa qalet in **re Bartolo,** *supra* u ċjoè:

"Jidher, għalhekk, ċar illi *"facts in issue"* f'każ bħal dak preżenti, mhumiex neċessarjament limitati għall-identifikazzjoni ta' l-awtur mid-difiża, bħal dak, per eżempju tal-leġittimu difiża. Din il-linja ta' difiża, indipendentement minn kull riżultat li eventwalment ikollha, ma tistax tiġi evidentement imċaħħda lill-akkużat, għaliex hija d-difiża li fil-mument opportun, fit-termini u bil-mezzi stabbiliti u permessi mil-liġi, tagħżel x'linja difensjonali se taddotta;

d) Bil-mod *kif iddeċidiet*, l-ewwel Onorabbli Qorti aprijoristikament qatgħatha illi kemm il-prova dwar il-karattru ta' l-akkużat kif ukoll dik dwar il-kondotta u karattru tal-vittma huma intrinsiċament inammissibbli billi jistgħu jkunu rilevanti biss għall-fini tal-piena. Dan ir-raġonament huwa inaċċettabbli u kieku kellu jiġi aċċettat, kif diġa spjegat, kien ifisser li f'wieħed mill-aktar każijiet tipiċi fejn normalment *tintalab* u *tiġi akkordata* l-prova tal-karattru u kondotta tal-vittma, ċjoè fil-każ ta' stupru, din il-prova ma tkunx tista' tinġieb. Fil-fatt, fil-każ ta' stupru, per eżempju din il-prova hija perfettament leġittima jekk ikun qed jiġi allegat il-kunsens tal-"vittma" allavolja wieħed mill-prinċipji regolanti dak id-delitt huwa li anki l-aktar persuna xellerata tista' tkun soġġett passiv ta' stupru. Kien ifisser ukoll, kif ġie muri, li f'każ fejn tista' tiġi allegata leġittima difiża l-prova tal-karattru u kondotta vjolenti tal-vittma ma tkunx tista' tinġieb ħlief b'riferenza għall-inċident proprju u dan mhux korrett għax prova ta' mġiba vjolenti u perikoluża abitwali tista' tkun rilevanti skond iċ-ċirkostanzi u skond il-linja ta' difiża addottata;

3) Kwantu jirrigwarda l-karattru u l-kondotta tal-mejjet qed jiġi stabbilit, għalhekk, u dan in konformità ma' deċiżjonijiet preċedenti in materja illi huma ammissibbli dawk ix-xhieda li

jafu *"di scienza propria"* fuq il-karattru u l-kondotta tiegħu, ċjoè, ir-reputazzjoni ġenerali tiegħu, indipendentement però mill-prova ta' inċidenti partikolari li jistgħu ma jkollhom x'jaqsmu xejn ma' dak li jkun *"in issue"*. Dana qed jingħad, għaliex, il-ġurisprudenza kollha ċitata, hija konformi li m'għandhomx jiġu permessi provi intiżi biex jiġu ppruvati bihom inċidenti partikolari tal-mejjet li fihom ma kien bl-ebda mod involut l-akkużat personalment u li ma jkollhomx x'jaqsmu ma' xi wieħed mill-*"facts in issue"*. Din hi materja, li ċertament, fl-istadju opportun tal-provi, l-ewwel Onorabbli tkun tista' tirregola skond iċ-ċirkostanzi dak il-ħin u skond x'jirriżulta li jkunu l-*"facts in issue"*. F'dan l-istadju, però, tali kwistjoni ma tistax taffettwa il-kwistjoni ta' ammissibbilità;

4) Din il-Qorti hi tal-fehma li fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ konsiderata l-akkuża kif ukoll dak li qed jissottometti l-akkużat kemm il-karattru tiegħu in ġenerali u l-istat mentali li fih kien jinsab fiż-żmien ta' l-inċident u immedjatament anteċedenti għalih kif ukoll il-karattru u l-kondotta tal-mejjet in ġenerali kif ukoll il-fatt li kien rikattatur li jasal jistgħu jkun *"facts in issue"* u għalhekk il-provi relattivi mitluba ma jistgħux aprijoristikament jiġu esklużi u għandhom jiġu ddikjarati ammissibbli;

5) Kwantu għall-ammissibbiltà bħala prova tal-fedina penali tal-vittma li l-Avukat Ġenerali tant ikkontesta jiġi rilevat li f'każijiet simili tali prova dejjem ġiet iddikjarata bħala ammissibbli (ara per eżempju **Reġina *vs* Giuseppa Busuttil** (12 ta' Jannar, 1963); **Reġina *vs* Emmanuele Mercieca** (28 ta' Ottubru 1955); **Repubblika *vs* Carmelo Mangion** (8 ta' Diċembru, 1977 u **Repubblika *vs* Louis Bartolo** (2 ta'

Novembru, 1981);

Fl-aħħarnett, din il-Qorti tirrileva ukoll li fl-istadju ta' l-appell, fir-rigward ta' uħud mix-xhieda ddikjarati minnu l-akkużat appellant ipprećiża l-oġġett tal-prova aħjar u fir-rigward ta' oħrajn illimitaha. L-oġġett tal-prova kif iddikjarat quddiem l-ewwel Qorti seta' żgwidaha fl-apprezzament tagħha, però, dan it-tibdil, din il-Qorti ħasset li ma setgħatx ma tieħdux in konsiderazzjoni biex tasal għall-konklużjonijiet ġusti fl-ispirtu ta' ġustizzja li fuqu l-liġi ta' proċedura penali tagħna hija konċepita u mfassla;

Ikkunsidrat:

Illi a bażi ta' dawn il-prinċipji legali u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet premessi din il-Qorti waslet għall-konklużjonijiet segwenti:

1) Il-Kummissarju tal-Pulizija (xhud nru. 4 fil-lista 73/89 u nru. 6 fil-lista 72/89) in kwantu ddikjarat biex jesibixxi l-fedina penali tal-vittma John Lepre għandu jiġi ddikjarat ammissibbli;

2) Ix-xhieda Rev. Joseph Bonello, Daniel Cioffi, Joseph Cioffi, Rev. Carmelo Galea Scannura, Anthony Borg u Pio Borg (xhieda numri 15, 16, 17, 20, 26 u 27 fil-lista 72/89) għandhom jiġu ammessi biex jixhdu fuq l-istat mentali manifestat fil-komportament ta' l-akkużat fiż-żmien qabel l-allegat inċident u viċin u waqt l-inċident;

3) Ix-xhieda Joseph Pace (xhud nru. 7 fil-lista 72/89) Joseph Borg u Glenn Debattista (xhieda nru. 9 u 24 fil-lista 73/89)

għandhom jiġu ammessi biex jixhdu in ġenerali dwar il-karattru u kondotta tal-mejjet John Lepre u anki fuq il-fatt li qed jiġi allegat li l-istess mejjet kien rikattatur li jasal;

4) L-*Australian High Commissioner* in kwantu mitlub biex jixhed dwar ir-*"records"* li jista' jkollu dwar il-mejjet waqt li dan kien jgħix l-Awstralja, inklużi *"records"* tal-Pulizija f'dak il-pajjiż, ma setgħax neċessarjament jiġi ddikjarat inammissibbli fuq il-bażi indikata mill-ewwel Onorabbli Qorti aprijoristikament, iżda din il-Qorti xorta waħda tara li ma tistax tiddikjara l-istess xhud mitlub ammissibbli minħabba dak li jipprovdi l-paragrafu 2 ta' l-artikolu 31 t' l-Ewwel Skeda ta' l-Att dwar l-Immunitajiet u Privileġġi Diplomatiċi (Kap. 191 ta' l-Edizzjoni Riveduta tal-Liġijiet ta' Malta) li jipprovi li **"Aġent diplomatiku m'huwiex obbligat li jagħti x-xiehda tiegħu bħala xhud"**;

Għal dawn il-motivi, għalhekk tiddisponi mill-appell ta' l-akkużat billi a) ma tiħux aktar konjizzjoni ta' l-appell tiegħu in kwantu dirett għall-produzzjoni bħala xhud tad-Direttur tal-Ħabs Ċivili peress li rrinunzja għall-istess xhud, b) ħlief fil-każ ta' l-*Australian High Commissioner* li l-inammissibilità tiegħu tibqa' kkonfermata, tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu ddikjarat l-inammissibilità ta' uħud mill-provi mitluba mill-akkużat kompletament u ddikjarat oħrajn ammissibbli biss għall-fini ta' piena u minflok, fis-sens u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet premessi u fil-limiti indikati minn din il-Qorti, tiddikjara ammissibbli x-xhieda Kummissarju tal-Pulizija, Joseph Borg, Rev. Joseph Bonello, Daniel Cioffi, Joseph Cioffi, Rev. Carmelo Galea Scangura, Glenn Debattista, Anthony Borg, Pio Borg u Joseph Pace. Fl-aħħarnett tibgħat l-atti lura lill-ewwel Onorabbli

Qorti għall-kontinwazzjoni skond il-liġi.